TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 32/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Joseph Incorvaja
u
L-Istamperija Indipendenza
(li qabel kien jisimgha
National Press Publications).

Data: 5 ta' Dicembru, 1978.

Chairman: C.J. Mallia.

Fl-10 ta' Lulju, 1978, is-Sur Joseph Incorvaja kiteb lill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura illi huwa kien gie mkecci ingustament mill-impieg ta' Accountant li kellu ma' l-Istamperija National Press Publications. Hu talab li l-kaz jigi mressaq quddiem dan it-Tribunal, fejn il-kaz gie riferit mill-Ministru fit-8 ta' Awwissu, 1978.

2. Rapprezentanti. Ghas-Sur Incorvaja mexxa l-kaz is-Sur R.A. Matrenza, D.Pol.Econ.(Oxon), F.R.Econ.S., Konsulent Industrijali. Ghal l-istamperija dehru s-Sur Frank P Galea, N.H.Dipl. Tech., General Manager, u l-Onor. Sur Pierre Muscat, M.P.

3. Il-Kaz. Meta skrivan li kellha l-istamperija, u li kien jiehu hsieb l-Accounts, telaq, l-Onor. Dr. Joseph Fenech, LL.D., M.P., membru tal-Bord li kien jamministra l-istamperija, ha l-inkarigu li jsib Accountant. Hu sab lis-Sur Joseph Incorvaja, u wara li superficjalment ra li dan jista jaghmilha ta' Accountant, impjegah fit-2 ta' Gunju, 1977, ghal zmien indefinit. Fi zmien sena, u ezattament fl-10 ta' Gunju, 1978, is-Sur Incorvaja gie mkecci. Ir-ragunijiet, skond ma inghataw lid-Department of Labour (ittra ta' l-10 ta' Lulju, 1978), kienu dawn:

(a) Inkompetenza ghax-xoghol li dahal ghalih.
(b) Insubordinazzjoni.
(c) Tnassis fost l-impjegati.

/..........

4. Status ta' l-impjegat. Is-Sur Frank Galea, ghal l-istamperija, mill-ewwel seduta sostna li l-kariga li kien jokkupa s-Sur Incorvaja kienet kariga ezekuttiva, u li huma (in-National Press) kienu tilfu l-fiducja fil-hila tas-Sur Incorvaja li jaqdi d-dmirijiet ta' dik il-kariga. Din l-istqarrija ta' kariga ezekuttiva sa l-ahhar ma gietx kontestata minn-nahha tas-Sur Incorvaja. Dan jista jkollu importanza taht l-artikolu 33(1) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976.

5. Seduti. Biex instema dan il-kaz bix-xhieda u bid-dokumenti u sottomissjonijiet kollha tieghu, inzammu ghaxar seduti. It- Tribunal ma jistax ma josservax li hafna minn dawn kienu zmien mitluf, li setgha jigi evitat ghal gid ta' kullhadd. Sa mit-tielet seduta, li saret fl-4 ta' Settembru, 1978, u meta kienu ghadhom saru biss sottomissjonijiet preliminari u gew esibiti dokumenti u mismugha zewg xhieda biss ghal ragunijiet specjali, it-Tribunal hass il-bzonn li jinhatar espert fl-Accountancy biex jirraporta fuq il-kwalifiki, il-kompetenza u x-xoghol tas-Sur Incorvaja f'dan l-impieg li kellu. Dana ghaliex, mir-ragunijiet tat-tkeccija, kien jidher car li il-kaz idur principalment fuq il-kompetenza ta' l-individwu. Anke l-istess azzjonijiet imsejjha insubordinazzjoni setghu ma kienux hlief nuqqas ta' kompetenza ghax-xoghol mistenni, filwaqt li l-akkuza ta' tnassis ma dehretx li kellha importanza kbira. Fit-tmien tar-raba seduta (21 ta' Settembru, 1978), meta kien gie pprezentat ir-rapport ta' l-espert u dan l-espert kien gie ezaminat mill-partijiet bil-gurament, it-Tribunal fakkar car lill-partijiet li trattazzjoni ulterjuri tal-kaz kellha tkun bazata fuq ir-rapport ta' l-espert. Kif intqal, l-espert kien ga gie ezaminat mill-partijiet, ghad li logikament wiehed seta jistenna li jinqalghu kwistjonijiet izjed kemm dwar l-espert u aktar dwar ir-rapport tieghu, li l-partijiet kienu ghadhom kemm raw. Madankollu, wara dik ir-raba seduta, il-partijiet ippersistew li jgibu xhieda ohra li ma kellhomx 'bearing' fuq ir-rapport ta' l-espert, u li l-partijiet imisshom raw li dawn ix-xhieda, wara dak ir-rapport, kienu irrelevanti. Kien hemm ukoll telf ta' zmien billi aktar minn darba ma gewx provduti servizzi ta' stenografu. Kif intqal, it-Tribunal indika lill-partijiet x'kellhom jaghmlu wara li gie pprezentat ir-rapport ta' l-espert. Ukoll aktar minn darba saru osservazzjonijiet fuq ir-rilevanza ta' xhieda jew mistoqsijiet. Izda t-Tribunal irid jiehu

/......

ħsieb mhux biss li jsir il-haqq, imma wkoll li jidher li dan qed isir. Ghalhekk kontra qalbu kellhu jċiedi li jkomplu jinstemghu xhieda, anke meta ma kienx konvint mir-rilevanza taghhom.

6. Esperti. L-istamperija in kwistjoni kellha bhala Awdituri onorarji taghha id-ditta Joseph Tabone & Co., Certified Public Accountants, ta' 3, Britannic Street, Floriana. F'dak l-istess xahar li gie impjegat is-Sur Incorvaja, biex tigi mqeghda f'postha dik li l-Onor. Dr.Joseph M. Fenech, LL.D., B.A. (Hons.), M.P., fix-xhieda tieghu sejhilha "mambassa" li thalliet fl-accounts meta telaq dak l-iskrivan li kien hemm qabel is-Sur Incorvaja, il-Bord ta' Diretturi ta' l-istamperija kien talab lid-ditta Joseph Tabone & Co. biex thejji rapport fuq x'dokumenti u kotba kellhom jinzammu sabiex jigu stabbiliti kontroll ahjar u accounting records. Dan ir-rapport sar fl-24 ta' Gunju, 1977, u kopja tieghu giet esibita ghan-nom ta' l-istamperija fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal. Huwa jghid bid-dettalji l-mizuri, requisitions, orders, sheets, notes, chits, invoices, vouchers, receipts, cheques, kontrolli, cards, kotba, u kull hag'ohra li kienet tehtieg biex jinzamm kontroll intern u finanzjarju dicenti. Ir-rapport jispicca billi joffri ghajnuna u nformazzjoni izjed, jekk ikun hemm bzonn, biex jigu mplimentati s-sistemi suggeriti mill-Audituri.

7. Risponsabbilta'. Huwa veru li r-rapport Tabone mhux kollu fuq Accounts, u diversi partijiet minnhu jikkoncernaw direttament sezzjonijiet ohra minn din l-Istamperija. Per ezempju, ir-rapport jitkellem dwar Purchases, Stores u stocks, Production, Jobbing, Advertising, Book-binding, Photography, sales ta' gazzetti, Printing, u Personnel, barra minn kotba u proceduri ta' Accounts propja. Izda kwalunkwe Accountant "worth his salt" f'azjenda bhal din ma jistax joqghod fuq il-kotba ta' l-Accounts biss u ma jimpurtahx minn dawk il-hafna hwejjeg ohra li ghadna kif semmejna u li kollha ghandhom bearing dirett fuq l-accounting ta' stamperija. Ghalhekk, huwa dmirhu li jgieghel lil kull head of section jaghmel shieh il-parti tieghu, u jgaghlu jaghti kull hin informazzjoni biex l-accounts centrali jinzammu up-to-date. Kien mela id-dover tas-Sur Incorvaja

li jara li dak kollu li rrakmanda t-Tabone Report jigi esegwit, u li jitlob ghajnuna, kif offrew l-istess awdituri, jekk ikollu bzonn. Meta impjegaw Accountant (anke jekk ninsew li hu sejjah lilu nnifsu Financial Controller), il-Bord tat-Tmexxija ta' l-Istamperija kellhom id-dritt jistennew li dak kollu li ntqal fit-Tabone Report isir mill-Accountant jew taht l-awtorita' u direzzjoni tieghu.

8. Il-Bord tat-Tmexxija (Board of Management). Il-konsulent tas-Sur Incorvaja ghamel emfasi fit-tul u ripetut fuq ir-risponsabilitajiet ta' diretturi, u fuq dan ikkwota testi awtorevoli, li taghhom esibixxa kopja (estratti mill-ktieb "Standard Boardroom Practice", mahrug mill-Institute of Directors, London, revised edition September, 1970). Esibixxa wkoll is-Sur Matrenza fotokopja ta' faccata tal-gurnal "In-Nazzjon Taghna", tal-14 ta' Settembru, 1978, fejn intqal kif inhu kompost il-Bord ta' Amministrazzjoni li jmexxi l-Istamperija, igifieri l-Avukat Carmelo Caruana bhala Chairman, u bhala Membri l-Avukat Joe Fenech, in-Nutar George Bonello du Puis, u s-Sinjuri Joe Stellini, Reggie Abela, u Frank Galea. Wara li fakkar li t-Tabone Report kien indirizzat lill-Board of Directors "in accordance with their instructions" u kien a "Draft for discussion", is-Sur Matrenza hareg mix-xhieda ta' l-Onor. Dr. Caruana, l-Onor. Dr. Fenech, u l-Onor. Dr. Bonello du Puis illi huma ma kienux raw jew ezaminaw ir-rapport tal-Awdituri Joseph Tabone & Co. Minn dan, is-Sur Matrenza kompla ddeduca irrisponsabbilta' da parti tal- Bord tat-Tmexxija, u qal li dawn naqsu li jiehdu dawk il-mizuri li kienet risponsabbilta' taghhom li jiehdu taht it-Tabone Report. Qal ukoll li fittxew 'scapegoat' ghal dan in-nuqqas taghhom, u dan li 'scapegoat' instab fil-persuna tal-appellant, is-Sur Joseph Incorvaja. Hawn it-Tribunal josserva illi:

(i) Ma kienx il-kompitu ta' dan it-Tribunal li jezamina l-efficjenza tal-Board of Management ta' l-Istamperija Indipendenza, hlief kieku din ingustament ikkawzat it-tkeccija ta' l-appellant, li mhux il-kaz.

(ii) Kif ga ntqal, kienu x'kienu il-poteri taghhom, il-Bord kellhom dritt jistennew li dak li rrakmandaw l-awdituri taghhom jigi mplimentat mill-Accountant.

/...........

9. L-espert. Fit-8 ta' Settembru, 1978, it-Tribunal hatar lis-Sur Reginald S. Attard, Certified Public Accountant, biex jirraporta fuq il-kaz, b'dawn it-terms of reference:

In terms of the powers conferred upon it by section 30 of Act No. XXX of 1976, the Industrial Tribunal hereby appoints Mr. Reginald S. Attard C.P.A., F.S.C.A., A.M.B.I.M., M.Inst.A.M., M.M.I.M.

(a) To examine what qualifications in Accountancy were possessed by Mr. Joseph Incorvaja, of 36 Tigne Street, Sliema, and to report upon the validity or otherwise of such qualifications towards the making of an efficient Accountant.

(b) To examine 'in situ' at the National Press Publications, 28 Our Lady of Sorrows Street, Pieta, with the help of such National Press officials as Mr. Reginald S. Attard and/or the Press itself may deem necessary and with the constant presence of Mr. Joseph Incorvaja, the books, statements, documents, methods, etc., used by Mr. Incorvaja in the discharge of his duties while he was employed as Accountant at the National Press Publications; and to report upon the effectiveness of such books and systems for the good Accounting of the undertaking.

For the above purposes, Mr. Reginald S. Attard is also, in terms of the same section 30 of Act No. XXX of 1976, authorised to administer the oath to any person if and when he so deems fit for the proper discharge of the duty hereby assigned to him.

The report hereby required is to reach the Tribunal not later than 21st September, 1978.

(Sgd.) C.J. Mallia.
Chairman.

(Sgd.) S. Grech.
Secretary.

8th September, 1978.

/.........

Debitament fil-21 ta' Settembru, 1978, is-Sur Attard ipprezenta, qara, u halef ir-rapport tieghu, ta kopji lit-Tribunal u lill-partijiet, u gie ezaminat mill-partijiet u mic-Chairman taht gurament.

10. Rapport ta' l-espert. Ghall-kweziti mqeghda lilu mit-Tribunal, l-espert, is-Sur R.S. Attard, wiegeb kif ser nghidu.

Kwezit (a), dwar il-kwalifiki tas-Sur Incorvaja u jekk dawn jaghmlux Accountant efficjenti:
"Notwithstanding the fact that Mr. J. Incorvaja is not a professional accountant, he possesses enough academic qualifications and enough experience to open, close and keep normal accounting books of an enterprise running, and also to prepare a trading, profit-and-loss account and balance sheet".

Kwezit (b), dwar jekk is-sistemi u kotba uzati mis-Sur Incorvaja kienux effettivi biex ikun hemm accounting xieraq ta' l-intrapriza:
"It is my opinion that the books of account of the National Press Publications were not efficiently kept, and that Mr. Incorvaja did not introduce an overall improved system of accounting during his employment with the Press".

Dawn iz-zewg konkluzjonijiet is-Sur Attard wasal fihom wara li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu u wara li sema' x-xhieda tan-nies koncernati bil-gurament. Salvo ragunijiet konvincenti kuntrarji, t-Tribunal ma kellu ebda raguni li ma jaccettax dawn il-konkluzjonijiet. Kienu dawn il-punti mportanti li d-difiza tal-kaz ta' l-appellant imissa kkoncentrat fuqhom, jekk setghet. Imma hi jew ma kellix argumenti biex tbatti l-opinjonijiet ta' l-espert, jew ma ridetx, u fil-fatt ghazlet li tuza seduti shah biex tgharbel xhieda li ma kellhomx relevanza ghal dawn iz-zewg punti kardinali murijin mit-Tribunal stess sa mit-8 ta' Settembru, 1978.

11. Difiza.

(i) L-appellant sostna li hu kien inghata r-risponsabbilta' ta' l-accounts department, minghajr ma inghata terms of reference (ara twegiba tieghu lill-espert fil-15 ta' Settembru, 1978, Attard Report pagina 38, mistoqsija numru 8). Hawn donnu nesa li, avolja kien diehel fuq it-tahwid ta' qablu, huwa l-job hatfu u anzi pogga ruhu bhala self-styled Financial Controller. L-istess espert xejn ma qabel mieghu dwar terms of reference, u taht paragrafu (v) fil-pagina 3 tar-rapport tieghu qal: "Mr. Incorvaja's terms of reference were quite explicit, that is, to draw a line on the past and start afresh." It-Tribunal ukoll, mix-xhieda li sema', fosthom dik ta' l-Onor. Dr. Joe Fenech, ihoss li l-Accountant il-gdid kien jaf car x'ghandu jaghmel.

(ii) L-espert, is-Sur R.S. Attard, xehed, ghal mistoqsija li ghamillhu is-Sur R.A.Matrenza,illi ma kienx hemm handing over meta s-Sur Incorvaja ha l-impieg, u kien hemm hafna nuqqas u tahwid. Dan huwa tassew stat serju hafna f'sitwazzjoni ta' accounting. Imma l-azjenda, li ma setghetx taghmel iehor ghax l-iskrivan ta' qabel kien telaq, qaltlu "Aqta' linja u ibda mill-gdid". Dan kien rimedju prattiku, kif irrikonoxxa l-istess espert meta qal, f'pagina 3, paragrafu (v), tar-rapport tieghu: "What had happened in the past was clearly not his (Mr. Incorvaja's) risponsibility. Any adjustments referring to prior periods should be put right by the use of a journal as and when these came to light or were discovered." Huwa veru li s-Sur Incorvaja kien mistenni li jigbor kemm jista mid-djun li kien hemm, u hareg mix-xhieda li ma tul l-impieg tieghu l-cash position ta' l-istamperija rrangat (Onor. Dr. J. Fenech, pagina 24 ta' l-Attard Report). Imma ebda hin ma gie pruvat jew ammess illi n-nuqqasijiet ta' l-imghoddi kellhom ifixklu Accountant gdid milli jaghmel id-doveri tieghu efficjentement. Ma hemm xejn li jikkorrobora l-allegazzjoni tas-Sur Incorvaja (pagina 40 ta' l-Attard Report, taht mistoqsija 27) illi "from the point in time I had entered the press as an accountant, I have been responsible for the mishaps even of the past. I was burdened with the responsibilities of the past".

(iii) Is-Sur Incorvaja illamenta: "I was the only accountant of the press; however the flow of documentation and information passed on to me for the proper keeping of the books was not to my entire satisfaction" (pagina 38 ta' L-Attard Report, taht mistoqsija nru. 9). Izjed il-fuq qal:"Kelli r-risponsabbilta' minghajr awtorita.' L-istaff kelli nersaq lejh b'certa prudenza." Hawn ikunu jistghu jinkitbu faccati twal, jekk mhux sahansitra ktieb shih, ta' osservazzjonijiet. Is-Sur Incorvaja kien jaf li hu kien dahal bhala l-Accountant (the Accountant) ta' din il-Press. Infatti hu stess ra ruhu bhala Financial Controller. Minn dawn ikun hemm wiehed biss, u dan irid ikun ghal l-altezza tal-post, f'dawk li huma kwalifiki, karattru, personalita', u disposizzjoni. Jekk ikollu dan, ikun jista jotteni l-ghajnuna u staff li jkollu bzonn, u lejn l-istaff ikun jista jersaq, bil-prudenza dejjem, imma bi prudenza awtorevoli li mehidha turi li gejja minn sahha u kompetenza u mhux minn debbolezza u incertezza, u ghalhekk iggib effett u rizultat. Jekk xi haga ma kienetx "to the entire satisfaction" ta' 'key man' bhal l-Accountant (li hu stess sejjah lilu nnifsu Financial Controller, u ohrajn sejhulu 'top man' meta ma kienx hemm General Manager), dan ghandu jkollu l-poter, il-mezz,u l-personalita' biex jirrangaha hu stess. L-espressjoni "passed on to me" turi debbolezza u "helplessness" li mhumiex skuzabbli f'ufficjal ta' dan il-grad.

(iv) "When I had certain difficulties, the only people I had to refer to were the auditors", is-Sur Incorvaja xehed quddiem l-espert is-Sur Attard (pagina 40 ta' l-Attard Report). Din mhix hlief kumplament ta' l-istess storja ta' bniedem li jippersisti jghid li huwa 'inept'. Accountant ta' l-affari tieghu, ~~huwa~~ specjalment bi 'blue-print' f'idejh bhal ma kien it-Tabone Report, ma ghandux ikollu wisq diffikultajiet, u jekk ikollu ghandu jsib mezz kif isolvihom, ma l-awdituri jew b'modi ohra.

(v) L-ilmenti migjubin b'difiza ta' l-appellant (uhud minnhom elenkati fil-qosor hawn fuq taht dan il-paragrafu 11) ma jaghmlux hlief juru dik it-mentalita' li l-ewwel titlob u tiehu post, imbaghad jew ghax issibu iebes jew ghax hekk hu l-karattru taghha, toqghod tghid id-diffikultajiet u tfixkil li ssib, flok li dawn teghlibhom biex tkun tista

tmexxi. Hafna snin ilu, wiehed emigrant malti qabad jahdem ma Ford tal-karrozzi go l-Amerika, u dan beda kull jum imur jghid lill-foreman x'diffikultajiet qed jara. Il-foreman semghu l-ewwel jumejn, imma t-tielet jum qallu: "Look here, I hired you to do the job, not to tell me about it!" Twegiba bhal din taqbel seww ghal kaz li ghandna quddiemna.

12. Talbiet. Fis-sottomissjonijiet finali, s-Sur Matrenza, bhal ma hu soltu, qal fil-qosor it-talbiet ta' l-appellant. Dawn kienu:

(a) Illi t-tkeccija tigi ddikjarata ngusta u nfondata.

(b) Illi l-employer ghandu jaghti certifikat nadif dwar il-hila tas-Sur Incorvaja bhala Accountant, mibni fuq il-bazi ta' kliem l-espert mahtur mit-Tribunal fil-pagni 1 u 2 tar-rapport tieghu.

(c) Illi huwa koncess li, mhabba fin-natura esekuttiva tal-impieg, l-istess Att Nru. XXX ta' l-1976 ma jippermettix reinstatement (artikolu 33 ta' l-Att).

(d) Illi l-Istamperija Indipendenza tigi kkundannata li thallas lis-Sur Joseph Incorvaja is-somma ta' £M1,500, bhala kumpens ghal danni morali, psikologici u finanzjarji li sofra b'din it-tkeccija li hu jirritjeni li kienet ingusta.

13. Work book. Il-work book issemma l-ewwel minn-nahha tal-employer bhala ezempju ta' l-insubordinazzjoni tas-Sur Incorvaja ghal l-ordnijiet ripetuti biex igib il-work book. Wara, dal-punt tal-work book qabdithu d-difiza tas-Sur Incorvaja, u ghamlet emfasi ripetuta li l-employer kien fit-tort il-hin kollhu, taht il-ligi, sa kemm zamm lil din il-persuna fl-impieg minghajr work book. Ma hemmx dubbju illi taht l-artikolu 8 tal-Ordni ta' l-1974 dwar il-Kotba tax-Xoghol(A.L. 110 ta' l-1974) ebda persuna ma ghandha timpjega persuna ohra minghajr ktieb tax-xoghol. Izda t-Tribunal ihoss li, filwaqt li l-punt tal-employer kontra s-Sur Incorvaja dwar il-ktieb tax-xoghol kien validu bhala ezempju ta' disubbidjenza, il-punt tas-Sur Incorvaja kontra l-employer dwar il-ktieb tax-xoghol kien irrelevanti, ghaliex it-Tribunal ma kienx qieghed jezamina xi nuqqas possibbli ta' din l-Istamperija taht ir-regulamenti tal-work books.

14. Konkluzjonijiet. Dwar ir-ragunijiet għal din it-tkeccija, skond ma mnizzlin taht il-paragrafu 3 hawn fuq, it-Tribunal isib skond ma gej:

(a) Inkompetenza. L-istess espert, is-Sur R.S. Attard, ma ggudikahx inkompetenti lis-Sur Incorvaja skond il-kwalifiki li dan wera li kellu --- ara para. 10(a) hawn fuq. L-istess Sur Attard, fuq mistoqsija ta' l-Onor. Sur Pierre Muscat, xehed li s-Sur Incorvaja ma kellux bzonn it-Tabone Report biex jorganizza l-accounts ta' din l-istamperija. Qal ukoll is-Sur Attard, taht (x) fil-pagina 5 tar-rapport tiegħu, li s-Sur Incorvaja setgħa jibda sistema ta' accounting xieraq anke mingħajr 'opening balances'. Izda ħareg mix-xhieda kollha li dan ma għamlux. Mela, filwaqt li nkompetenza ma kienx hemm 'de jure', kien hemm 'de facto'. Is-Sur Joseph Incorvaja, meqjus anke mill-perit tat-Tribunal kapaci li jmexxi seww l-Accounts ta' azjenda bħal din, fil-fatt dan naqas li jagħmlu. Għalhekk, f'din il-parti tar-ragunijiet għat-tkeccija, min kecca kellu ragun.

(b) Insubordinazzjoni. L-employer wera li kien hemm insubordinazzjoni da parti tas-Sur Incorvaja billi esibixxa numru ta' memoranda fuq diversi aspetti tax-xogħol, igifieri bills, security, office hours, receipts, work book (aktar minn memo wieħed), Auditors, attendance, extra payments , work quality, temporary absences, loitering, warning, trial balance, signatures on cheques, ecc.. Huwa veru li dawn il-memoranda huma stess xejn ma fihom it-timbru tal-efficjenza, kemm fil-fatt li ħafna jibdew "Dear Joe" (stil li xejn m'hu addattat għal office memos) u kemm bil-mod addocc u kull tant zbaljat li bih huma miktubin. Huwa veru wkoll, kif osserva s-Sur Matrenza fir-replika finali tiegħu fil-21 ta' Novembru, 1978, li l-memos dwar office hours huma konfliggenti u xejn ma juru efficjenza da parti ta' min kitibhom. Izda t-Tribunal ma kellux il-kompitu li jara jekk il-management kienx dejjem efficjenti. Huwa sgur li dawn il-memos (u intqal li kien hemm ukoll ħafna tfakkir bil-klien) juru 'crescendo' ta' relazzjonijiet ħziena. Is-semplici fatt li l-management kellu joħrog dawn it-twissijiet u appelli kollha, li uħud minnhom juru impazienza cara, lil wieħed li kien impjegat għoli, jirrifletti ħazin ferm fuq dak l-impjegat. Fost tant memos ta' min jinnota b'mod partikolari dak tat-3 ta' Mejju, 1978, dwar

cash li jibqa fi tmiem il-jum. Dan ħareg xahar u ftit qabel ma tkecca s-Sur Incorvaja. Meta dan spicca instabu aktar minn £200 imhollijin minnhu fl-ufficcju. Fil-fehma tat-Tribunal, bid-dokumenti esibiti u bil-kompless tax-xhieda, l-akkuza ta' insubordinazzjoni giet pruvata. Forsi r-raguni għaliha mhiex difficli ssiba: seta kien li is-Sur Incorvaja, li għal zmien kien it-'top man' fl-istaff ta' l-istamperija, ħass ruħu urtat meta gie nominat is-Sur Frank Galea bħala General Manager, u kien jirrizenti l-awtorita' tiegħu.

(c) Tnassis fost l-impjegati. Dan ic-'charge' mhumiex inverosimili, u jiffittja wkoll fit-tesi ta' insubordinazzjoni. Fatti cirkostanzjali, bħal hinijiet zejda fin-News Room mill-Accountant li suppost li kellhu ħafna x'jagħmel, ikomplu fil-kontest kollu jagħmlu dan it-tnassis probabbli. Izda provi diretti bizzejjed ma ngabux. Hekk jew hekk, dan ic-'charge' mhuwiex ta' mportanza kbira, u z-zewg 'charges' l-oħra, ta' inkompetenza u ta' insubordinazzjoni, weħidhom huma bizzejjed biex jiggustifikaw tkeccija.

15. Twissijiet u Probation. Jibqa' biss zewg punti li t-Tribunal iħoss li għandu jittratta qabel ma jagħlaq. Dawn huma:

(1) Twissijiet. Kif intqal aktar minn darba f'decizjonijiet precendenti ta' dan it-Tribunal, l-impieg huwa vitali għal l-impjegat, u tkeccija hija kastig drastiku u estrem li ma għandu qatt jintuza bil-ħeffa (lightly). It-Tribunal innota b'sodisfazzjon l-istqarrija ripetuta ta' l-Istamperija li Indipendenza li hi qatt ħlief f'dal kaz ma kecciet lil ħadd. Huwa necessarju wkoll li qabel tkeccija fuq nuqqasijiet ikun hemm twissijiet xierqa. Fuq dan, it-Tribunal huwa sodisfatt li twissijiet xierqa kien hemm bil-miktub (ara l-memos esibiti, li wieħed minnhom, indirizzat lis-Sur Incorvaja bid-data 28 ta' April, 1978, xahar u ftit qabel ma tkecca, kien jgħid: " You left me with no alternative but to warn you for the last time to do your job properly").

(2) Probation. F'xieda taht gurament quddiem l-espert Sur R.S. Attard, l-Onor. Dr. Joe Fenech, fl-14 ta' Settembru, 1978, qal: "Il-probation period kien ta' sena, ghax dan kien executive job." Din l-asserzjoni ma kkontestaha hadd fl-ebda stadju tas-smigh, u ghalhekk it-Tribunal ma jistax hlief jaccettaha. Fil-ligi msejha C.E.R.A., Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952 (Act No. XI of 1952) insibu, fl-artikolu 25:

> " Provided further that in the case of a contract of service, or of an industrial agreement, in respect of employees holding technical, executive, administrative or managerial posts and whose wages exceed one thousand pounds a year, such probationary period may be extended up to one year."

Taht l-istess ligi, "contract of service" jista jkun anke ftehim verbali, bhal f'dan il-kaz. Ghalhekk, l-asserzjoni ta' l-Onor. Dr. Fenech mhix kontra l-ligi, u huwa probabbli li l-Istamperija setghet sostniet b'success li hi ma ghamlitx hlief baghtet lis-Sur Incorvaja fi tmiem il-probation period tieghu.

16. AWARD. In vista ta' dan kollu, t-Tribunal ma jsibx li t-tkeccija tas-Sur Joseph Incorvaja minn l-Istamperija Indipendenza kienet ingusta, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman.

(S. Grech)
Segretarju.

5 ta' Dicembru, 1978.

fp